Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

D Reg €120.00
Dep Reg € 50.00
€170.00

Carmelo Abela (105072M
vs
Dr. Jason Azzopardi (143871M)

Rikors b'URGENZA ta' Carmelo Abela (105072M)

Jesponi bir-rispett:

Illi l-esponent ghandu bzonn jipprezenta b'urgenza quddiem din il-Qorti kawza ta' libell dwar allegazzjonijiet malafamanti serji kriminali li saru l-lejla stess mill-intimat Dr. Jason Azzopardi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tordna l-ftuh tar-Registru taghha taghha wara l-hinijiet legali u taghti kull provvediment jew ordni iehor opportun sabiex l-esponent ikun jista' jipprezenta l-atti gudizzjarji opportuni.

Av. Pawlu Lia
162, Old Bakery Street, Valletta VLT 1455

**Rikorrent**: Carmelo Abela (105072M),

12, La Petite Fleur, Triq San Piju X, Zejtun.

Illum 9 ta' April 2021
Ippreżentat minn Dr Pawlu Lia

Diane Gatt
Deputy Registrar
Courts of Justice (Malta)

Rikors Nru..................

Illum...9 ta' April 2021...

Hrug:

Ipprezentat mill-...Dr. Pawlu Lia.......
B' zewg dokumenti

Notifika:

Registratur

Diane Gatt
Deputy Registrar
Courts of Justice (Malta)

Kopji:

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)

---

## AVVIZ

Lil Dr. Jason Azzopardi (143871M)
7, Triq Bormla,
Paola.

**B'dan int imsejjah sabiex tidher quddiem il-Qorti hawn fuq imsemmija**

**fl fid-9.00 ta' filghodu, biex twiegeb**

**ghat-talba ta'**

Carmelo Abela (105072M), ta' 12, La Petite Fleur, Triq San Piju X, Zejtun.

**U tghid ghaliex m'ghandekx tkun ikkundannat li**

thallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti, tiddetermina ai termini ta' l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta permezz ta' kitba li ppostjajt fuq facebook fid-9 ta' April 2021 tajt malafama lill-attur b'allegazzjonjiet foloz u malafamanti fejn fost ohrajn allegajt li l-attur kien: *komplici fil-hold up tal-HSBC*; *komplici f'hold up bil-weghda ta' €300,000 mis-serqa*; *komplici f'tentattiv ta' omicidju fejn gew sparati 67 tir*; *komplici f'telefonati biex jigu mhedda xhieda ta' hold up, b'telefonati fuq Signal mill-mandant*. (kopja ta' li screen shot relattiv mehud fid-9 ta' April 2019 mehmuza bhala Dokument A flimkien ma affidavit tal-attur mehmuz bhala Dokument B).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Inti ingunt ukoll biex tidher ghas-subizzjoni.

**Jekk tonqos li tidher fil-jum u s-siegha hawn fuq imsemmijin, il-Qorti tiddeciedi skond il-Ligi.**

**Mahrug**

**Registratur**

Dr. Pawlu Lia LL.D.,
Lia & Aquilina Advocates,
162, Old Bakery Street,
Valletta VLT 1455 Malta

'A'



**Jason Azzopardi**
1h ·

Qaluli li l-Ministru Carmelo Abela illum kiteb fil-konfront tieghi, minghalih jghajjarni bil-"qabar ta' Kristu" u b' "qaddis" ghax jien fakkart bil-kaz meta hu inqabad juza haddiema tal-Gvern fl-2015 ghal xoghol fid-dar tieghu personali. Li hu DELITT.

Le, Carm, qaddis miniex. U ara tahseb ha timpressjonani jew tinfluwenzani issemmi b'qerq int il-qabar ta' Kristu.

Din biss ha nghid ghalissa: ahjar il-qabar ta' Kristu, milli nkun komplici fil-hold up tal-HSBC.

Ahjar il-qabar ta' Kristu milli nkun komplici mal-mohh tal-hold up billi naghti filmati ta' gewwa l-bank u cwievet foloz.

Ahjar il-qabar ta' Kristu milli nkun komplici f'hold up bil-weghda ta' €300,000 mis-serqa.

Ahjar il-qabar ta' Kristu milli nkun komplici f'tentattiv ta' omicidju fejn gew sparati 67 tir.

Ahjar il-qabar ta' Kristu milli nkun komplici f'telefonati biex jigu mhedda xhieda ta' hold up, b'telefonati fuq Signal mill-mandant.

Dak ghalissa.

294 · 74 Comments 60 Shares

Like Comment Share

'B'

Affidavit tal-Ministru Carmelo Abela (105072M).

Bil-gurament jiddikjara:

Nirreferi għal kitba li ppubblika d-deputat nazzjonalista Jason Azzopardi, fuq il-facebook tiegħu, fid-9 ta' April 2021 għall-ħabta tal-5.30pm.

F'din il-pubblikazzjoni, Jason Azzopardi rreaġixxa b'gideb sfaccat u invenzjonijiet totali għall-kumment tiegħi iktar qabel fuq facebook, dwar l-ipokrezija u l-qerq politiku tiegħu. Hu għamel dan billi fil-kumment tiegħu implika lili ma' reati kriminali.

Reati serji li jien kompletament estraneju ghalihom, u li sehhu lura fl-2010.

Tul dawn is-snin kollha, nzid li l-pulizija qatt ma kelmuni dwarhom, u wisq anqas ma gejt investigat.

Bil-ġurament niċħad kategorikament il-gideb KOLLU dirett fil-konfront tiegħi pubblikat minn Jason Azzopardi, u għalhekk minnufih hadt il-passi legali meħtieġa biex nipprotegi l-integrita' tiegħi.

Il-kitba ta' Jason Azzopardi mhi xejn għajr fabbrikazzjoni maħmuġa, malizzjuza u faħxija fil-konfront tiegħi.

Nichad bl-aktar mod assolut u kategoriku li jien kont komplici fil-hold up tal-HSBC, kif allegat minn Jason Azzopardi.

Nichad b'mod daqstant iehor assolut u kategoriku dak asserit minn Jason Azzopardi li kont "...komplici mal-mohh tal-hold up billi naghti filmati ta' gewwa l-bank u cwievet foloz."

Bl-istess qawwa nichad li kont komplici f'hold up bil-weghda ta' €300,000 mis-serqa.

Nichad ukoll dak allegat minn Jason Azzopardi li kont komplici f'tentattiv ta' omicidju fejn gew sparati 67 tir.

B'mod daqstant iehor assolut nichad li qatt kont komplici f'telefonati biex jigu mhedda xhieda ta' hold up, b'telefonati fuq Signal mill-mandant, kif allega jason Azzopardi.

Quddiem il-Qorti se nerga' nichad bil-qawwa l-allegazzjonijiet kollha.

Minn issa, nistieden lil Jason Azzopardi biex immedjatament u minghajr dewmien, iressaq il-provi li jghid li ghandu dwar l-allegazzjonijiet foloz fil-konfront tieghi, jew jirtirhom minghajr rizerva.

Carmelo Abela

Carmelo Abela

Maħluf quddiemi minn Carmelo Abela
ID: 105072 M
Illum 9 ta' April 2021

Gatt
Diane Gatt
Deputy Registrar
Courts of Justice (Malta)